

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1186****tal-20 ta' Lulju 2016****li jemenda għall-249 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fil-15 ta' Lulju 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) iddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom jinħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jinħtieġ li għalhekk jiġi aġġornat skont dan.
- (3) Sabiex jiġi żgurati li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament jinħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 139 29.5.2002, p. 9.

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" titihassar:

"Aschraf Al-Dagma (magħruf ukoll bħala Aschraf Al Dagma). Indirizz: Il-Ġermanja. Data tat-twelid: 28.4.1969. Post tat-twelid: (a) Absan, Strixxa ta' Gaża, Territorji Palestinjani, (b) Kannyouiz, Territorji Palestinjani. Nazzjonalità: Għadha mhix verifikata/oriġini Palestinjana. Tagħrif ieħor: (a) Dokument tal-ivjaġġar tar-refuġjati maħruġ minn Landratsamt Altenburger Land (Uffiċċju tal-Amministrazzjoni tal-Kontea ta' Altenburg), il-Ġermanja, datat it-30.4.2000; (b) Assoċjat ma' Ismail Abdallah Sbaitan Shalabi, Djamel Moustfa u Mohamed Abu Dhess. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 23.9.2003."

---